MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 542/2008

**Aquatess Marketing Limited**
**(C-33435)**

**Vs**

**Christian Zarb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta` Lulju, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin Euro (Euro262), rapprezentanti prezz ta` merkanzija debitament mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 24 ta` Awissu, 2007 u ta` l-ittra legali datata 23 ta` Mejju, 2008 u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficcjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-6 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro262, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-precitata ittra ufficcjali u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------